\z+

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 1/2023

30 ta' Jannar, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera (b'mod virtwali) |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker avża li kien ser jidħol għal-laqgħa ftit tard.

**1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 14.1.3 (distretti) kien tkellem mas-Sindki tal-Imqabba, Ħal Kirkop u Qrendi u li kienu ressqu dan il-punt waqt il-laqgħa tar-Reġjun fejn qablu li ssir talba konġunta mir-Reġjun. Is-Sindku qal li rigward il-*community police* ma kienx hemmx x'isir ħlief li nistennew sakemm jidħol reklutaġġ ġdid.

1.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 14.1.4 (*culverts* Triq l-Iskola) huwa kien reġa' tkellem mal-Perit minn *Infrastructure Malta* sabiex ituna data ġdida meta kienu ser jibdew bix-xogħolijiet tal-*culverts*. Is-Sindku qal li għad ma hemmx konferma ta' dan u hekk kif ikun infurmat kien ser javża lill-Kunsill.

1.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 14.2.2 (*contracts manager)* kien beda minn dan ix-xahar, li kien impjegat fuq bażi full-time taħt l-iskema tal-RSSL. Is-Sindku spjega kif kien qed jaħdem il-*contracts manager* u li kien talbu sabiex kull tlett xhur jippreżenta rapport ta' ħidma tal-ħaddiema tal-CWSF u RSSL lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ta d-dettalji rigward is-susa li nstabet mas-siġar fil-Ġnien t'Amparell. Il-Kunsillier qal li kien tkellem ma kuntrattur li s-soltu jsaqqilna s-siġar u ppreżenta kwotazzjoni sabiex isir il-bexx kontra s-susa mill-istess kuntrattur u li kien ser jagħmel ix-xogħol fi tmiem ta' dik il-ġimgħa dejjem jekk ikun temp sabiħ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nagħżlu l-orħos kwotazzjoni.

1.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 14.2.3 (restawr niċeċ) il-kuntrattur kien lesta l-ewwel statwa li tinsab fi Triq San Pawl dik tal-Immakulata Kunċizzjoni.

**1.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker daħal għal laqgħa 16.43.

1.2.3 Is-Sindku qal li fis-17 ta' Jannar kien iltaqa' ma rappreżentant tal-Public Works minħabba l-*flooding* fi Triq Qerd in-Naħal mill-*Storm Water Unit*. Is-Sindku spjega li waqt laqgħa ma *Infrastructure Malta* kienu qalulna li rridu nikomunikaw ma *storm water unit* u li jista' jkun li jagħmlu xi tip ta' culverts u ħabat sew li għadha ma saritx it-triq. Pupull qal li jekk ser issir it-triq mill-ġdid jista' jkun li x-xogħol ikun sar għal xejn pero' is-Sindku kkonferma li dawn iż-żewġ entatijiet kienu ser jaħdmu flimkien biex tissolva l-problema.

1.2.4 Is-Sindku qal li l-iskema ta' *Projects Green* kienet ħarġet. Huwa spjega li l-applikazzjonijiet kellhom jaslu sat-28 ta' Frar, 2023 u li kien hemm 10 miljun Euro disponibbli taħt l-istess skema. Is-Sindku kompla jispjega li minn din l-iskema l-Kunsill seta' jibbenfika minn 90% tal-proġett u l-10% il-Kunsill seta' juża l-fondi tal-Planning

Funds jew minn entita' governattiva' oħra. Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar sa jkun hemm sessjoni informattiva li kien ser jattendi għaliha. Is-Sindku spjega kif kienet ser taħdem is-sistema u li l-Kunsill seta' jitfa' aktar minn applikazzjoni waħda. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li perss li ħafna mill-istudji għall-pjazza diġa' tlesta, l-Kunsill kien ser jiprova jlaħħaq sabiex jitfa' l-applikazzjoni għat-tisbiħ tal-pjazza u filfratemp nibdew naraw x'jista' jsir għal proġett ta' underground parking u l-ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku qal li studenta minn Ħal Safi diġa' kienet ħadmet fuq proġett għall-Ġnien Dun Karm Vella u li kienet tagħmel sens li l-Kunsill jara xi studju diġa' sar speċjalment peress li diġa' għamlet konsultazzjoni mar-residenti Ħal Safin għaliex hekk inkunu qed niproponu x'jixtiequ n-nies tal-lokal u l-madwar.

1.2.5 Is-Sindku ressaq l-istima sabiex jinxtara l-bexx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-istima u li x-xogħol isir mill-kuntrattur li ssoltu jtina dan is-servizz.

1.2.6 Is-Sindku qal li l-*Contracts Manager* kien qed jissuġerixxi li nixtru *cabinets* għal garaxx sabiex l-ħaddiema jkunu jistgħu jorganizzaw il-garaxx aħjar.

1.2.7 Is-Sindku spjega li l-bażi tas-Salib tad-Dejma kienet inkisret u kien jinħtieġ li tinbidel. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mill-Kuntrattur li rebaħ il-kuntratt tar-restawr tan-niċeċ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-kwotazzjoni ta' 1829 Euros.

1.2.8 Is-Sindku ressaq talba għal *doġġy bin* fi Sqaq San Pawl 1. Il-kunsill iddiskuta u qabel li jitwaħħal *doggy bin* fl-istess sqaq u li nixtru tlett bins biex ikollna tnejn extra fil-garaxx għal meta jkollna bżonn.

1.2.7 Is-Sindku ressaq talba sabiex issir *planter* fi Sqaq Santa Marija. Il-Kunsill iddisuta u qabel li għandha ssir planter fl-istess sqaq.

**1.3 Mistoqsijiet għall-Kunsilliera**

1.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien irrapporta l-parkeġġ illegali f'Misraħ San Gużepp u li sfortunatament saret aktar minn darba. Is-Sindku qal li dan ir-rapport kien għadda għand il-LESA u qal ukoll li jekk il-Kunsill jerġa' jara dan l-abbuż għandu jirraporta minnufih.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa minn 17.47 sa 17.53

**1.4 Rapporti**

Approvazzjoni Budget għas-sena 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget annwali għas-sena 2023 li kien ser jiġi diskuss waqt il-laqgħa pubblika. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

Il-Laqgħa ġiet sospiża sakemm saret il-laqgħa pubblika 18.15 u kompliet 19.12.

**1.5 Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

**1.6 Performance Bonus Ħaddiema tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*performance appraisal report* tal-iskrivani u qalet li tħoss li l-iskrivani kienu qegħdin jagħmlu ħilithom bil-kbir sabiex ix-xogħol tal-Kunsill jimxi b'mod effiċjenti u għalhekk issuġġerixxa illi għandhom jingħataw l-*full performance bonus,* dak ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.7 **SPI/SCI/3/202 Finananzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibilita' u Mobilita'**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fl-2020 il-Kunsill kien applika sabiex isir il-proġett ta' Slow Streets flimkien ma diversi Kunsilli. Hija spjegat li minn naħa tal-Assoċjazzjoni dan il-proġett ma kienx ser isir u għalhekk il-Kunsill kellu jiddiversifika xi punti mill-proposta sabiex il-Kunsill ikun jista' jwettaq dan il-proġett. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha tintbagħat talba għal tibdil fl-applikazzjoni tagħna.

**1.8 Proġett Pjazza u Traffic Management**

Is-Sindku preżenta l-aħħar proposta fejn kienu ser jiġu s-soft areas fil-pjazza lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-parti ta' ħdejn il-Każin titnaqqas ftit u l-area li titnaqqas issir in-naħa l-oħra tal-Knisja fejn hemm il-bokka tax-xelter. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna naraw mal-Perit jistax inaqqas il-parti tas-soft area li hemm wara l-parkeġġi u li tiġi eżatt faċċata tal-Knisja.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll it-traffic management u qabel li fil-preżent il-Kunsill għandu jindirizza biss fejn diġa' għandna problema kbira ta' traffiku u l-kumplament jiġi implimentat f'fażijiet differenti meta jiddeciedi l-Kunsill. Huwa qal li issa l-istudju diġa' sar u nistgħu nibdew ninplimentawh bl-ewwel fażi.

Il-Kunsill qabel unanimament li t-toroq hawn imsemmija jsiru One Way:

Triq L-Iskola

Triq is-Summien

Triq it-Tellerit

Triq tal-Ajzar (it-triq id-dejqa int u hiereg lejn il-bring in sites)

Mill-pjazza l-karozzi ma jibqgħux jitilgħu lejn Triq iż-Żurrieq *except* for public transport.

Waħda mit-toroq żgħar fi Triq Dun Guzepp Caruana lejn il-pjazza.

Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li waħda mit-toroq li hemm fi Triq Dun Guzepp Caruana tingħalaq kompletament għat-traffiku.

**1.9 Kuntratt Restawr Gnien Sir Alexander Ball**

Is-Sindku qal illi issa li kien iltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni, kien qed jissuġġerixxi li l-Kuntratt sabiex isir ir-restawr tal-ħitan minn naħa ta' ġewwa ta' Ġnien Sir Alexander Ball jiġi rakomandat lil orħos offerta' u fl-eventwalita' li ma jkunx hemm appelli jingħata il-kuntratt. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ssekondah. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

**1.10 Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

**1.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda ta' pagamenti u spjegat li fiha kien hemm il-pagamenti kollha relatati ma' l-Iskema Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022. Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**1.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.29pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 27 ta' Frar, 2023 fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |